# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1114/07/1 AF**

**Michael Agius, Joseph *sive* Giuseppi Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius**

**v.**

**Maria Gatt, Pacifico Agius, Peter Agius, Saviour Agius, Victoria Zarb u Paul Agius**

1. Omm il-kontendenti, Carmela Agius, mietet intestata fid-9 ta' Jannar 1989, filwaqt li missierhom Francesco Agius miet fil-5 ta' Mejju 2006, u s-suċċessjoni tiegħu hija regolata permezz ta' testment datat 24 ta' Lulju 1993. Permezz tat-tielet Artikolu tat-testment tiegħu Francesco Agius ħalla l-*plots* li jinsabu ndikati fuq pjanta annessa mal-istess testment u li jifformaw parti mill-Art ta' Xwieki, Iklin, lil-legatarji ndikati fl-istess artikolu, filwaqt li ddikjara li l-art in kwistjoni tifforma parti mill-

komunjoni tal-akkwisti u ordna li d-dispożizzjonijiet tat-testment tiegħu jiġu esegwiti *in toto*. L-atturi premettew li hemm diskrepanza bejn id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Francesco Agius u l-pjanta annessa mat-testment tiegħu, li qed tirrendi impossibbli l-eżekuzzjoni u l-immissjoni fil-pussess tal-ishma kif indikati fit-testment tal-24 ta' Lulju 1993, u dan minħabba żbalji naxxenti mid-dispożizzjoni testamentarja.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn il-konjugi Francesco u Carmela Agius billi tiddikjara li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> 2. Tikkonferma d-dispozizzjonijiet kollha tat-testment tal-24 ta' Lulju 1993 salv ghal artikolu tlieta (3) u l-pjanta hemm annessa.
>
> 3. In vista tad-diskrepanzi li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tillikwida u taqsam l-art ta' Xwieki, limiti tal-Iklin formanti l-komunjoni tal-akkwisti tad-defunti Agius f'dawk il-kwoti stabbiliti permezz tat-testment tal-24 ta' Lulju 1993 u tassenja l-istess kwoti lill-kontendenti ahwa Agius occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
>
> 4. Tappunta Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
>
> Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-11 ta' Settembru 2007 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* illi (1) l-atturi aċċettaw il-wirt imħolli lilhom individwalment b'legat u bħala eredi universali u għalhekk l-azzjoni tagħhom hija insostenibbli; (2) l-azzjoni odjerna hija insostenibbli għaliex l-atturi qed jikkontestaw parti biss mit-testment ta' missierhom; (3) m'hemm l-ebda diskrepanza bejn id-dispożizzjonijiet testamentarji u l-

pjanta mehmuża mal-istess testment u għalhekk it-talba attriċi għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet eżistenti bejn id-defunti Francesco u Carmela konjuġi Agius hija bla bażi; u (4) l-azzjoni odjerna tikkostitwixxi kontestazzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji tad-defunt Francesco Agius u għalhekk għandha tiġi applikata kontra l-atturi s-sanzjoni kontemplata fl-aħħar Artikolu tat-testment tal-istess Francesco Agius.

4. Il-konvenuti preżentaw ukoll kontro-talba, permezz ta' liema premettew illi fit-testment tiegħu Francesco Agius ordna li min jikkontesta t-testment b'xi mod jitlef kull benefiċċju jew legat imħolli lilu, u jkun intitolat biss għal-leġittima spettanti lilu bil-liġi. Il-konvenuti sostnew li l-azzjoni odjerna tirrappreżenta ksur ta' din id-dispożizzjoni u għalhekk għandha tiġi applikata fil-konfront tal-atturi s-sanzjoni msemmija. Il-konvenuti talbu għalhekk:

> "1. Tiddikjara illi bl-azzjoni proposta mill-atturi rikorrenti rikonvenuti, in forza tar-rikors guramentat promotur, huma kisru u marru kontra d-disposizzjoni testamentarja li tirrizulta mit-testment tad-defunt Francesco Agius datat 24 ta' Lulju 1993, u cioè fejn l-istess testatur ordna illi min jikkontesta t-testment tieghu b'xi mod, ghandu jitlef kull beneficcju / legat mholli lilu, u jkun intitolat biss ghal-legittima spettanti lilu bil-ligi.
>
> 2. Tiddikjara ghalhekk illi l-atturi rikorrenti rikonvenuti huma intitolati biss ghal-legittima skond il-ligi mill-assi ereditarji tad-defunt Francesco Agius, u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjoni testamentarja msemmija.
>
> 3. Tordna ghalhekk illi tigi applikata d-disposizzjoni testamentarja msemmija fil-konfront tal-atturi rikorrenti rikonvenuti, b'tali mod illi l-atturi rikorrenti rikonvenuti jircievu biss il-legittima mill-assi ereditarji tad-defunt Francesco Agius.

> 4. Tahtar u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika u jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.
>
> Bl-ispejjez kontra l-atturi rikorrenti rikonvenuti, inkluz tal-ittra datata 19 ta' April 2007, kontra l-atturi rikorrenti rikonvenuti ngunti ghas-subizzjoni."

5. L-atturi rikonvenzjonati eċċepew li t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għaliex huma fl-ebda ħin ma kisru u marru kontra xi dispożizzjoni testamentarja.

6. Permezz ta' nota ġuramentata preżentata in atti fit-12 ta' Frar 2016 l-attur Joseph Agius ċeda t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi safejn dawn jolqtu lilu.

7. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ottubru 2021 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom u tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali bl-ispejjeż kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti."

8. Michael Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-15 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema ġew miċħuda t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, tirrevoka tħassar u tannulla dik il-parti l-oħra tal-istess sentenza u tordna li l-kawża tiġi mibgħuta lura quddiem l-ewwel

Qorti sabiex issir id-diviżjoni tal-art mertu tal-kawża in linja ma' dak espost mill-Perit Godwin Abela.

9. Joseph *sive* Giuseppe Agius preżenta risposta tal-appell fl-1 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema ssottometta li għandha tiġi kkonfermata ċ-ċaħda tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, filwaqt li sottometta li ma jaqbilx mas-sentenza appellata safejn din ċaħdet it-talbiet attriċi.

10. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fl-14 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**Ikkonsidrat:**

11. L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huma anqas imqar ma preżentaw pjanta ġdida ta' kif għandha tinqasam ir-raba' in kwistjoni u ma talbux lill-Qorti testendi l-inkarigu tal-Perit Tekniku sabiex jaqsam il-*plots* mill-ġdid b'mod li jirrifletti l-volonta` tat-testatur. Jargumentaw li *in vista* tal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku t-tieni u t-tielet talbiet tagħhom ġew pruvati u l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huma naqsu milli jesebixxu xi pjanta ġdida ta' kif għandha tinqasam l-art għaliex din kienet proprju t-tielet talba

tagħhom. Skont l-appellanti din ma kinitx kwistjoni li ssir talba lill-Qorti sabiex testendi l-inkarigu mogħti lill-Perit Tekniku, iżda kienet xi ħaġa awtomatika naxxenti mit-tielet talba tagħhom. Iżidu li fi kwalunkwe każ fis-17 ta' Lulju 2013 huma kienu speċifikatament issuġġerew li l-ewwel Qorti tinkariga lill-Perit Godwin Abela sabiex jasal għall-pjanta ta' diviżjoni li tkun ġusta u ta' sodifazzjon għal kulħadd. Jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li għandhom rimedji legali miftuħa għalihom biex jiksbu aċċess għall-*plots* assenjati lilhom għaliex huwa żgur li t-testatur ma riedx iħalli nkwiet warajh bejn uliedu u ordna li ssir diviżjoni tal-proprjeta` tiegħu f'ishma ndaqs bejniethom. Isostnu għalhekk li huwa ovvju li t-testatur ried li kull porzjon li ndika jkollha dħul għaliha.

12. Fir-risposta tal-appell tiegħu Joseph Agius isostni li ma jagħmilx sens li l-ewwel Qorti taċċetta l-konklużjonijiet tekniċi tal-espert inkarigat minnha iżda mbagħad tħalli li x-xewqa tat-testatur tiġi stultifikata mill-iżbalji konstatati fil-pjanta mill-Perit Tekniku. Isostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-partijiet preġudikati min-nuqqas ta' aċċess dirett mit-triq għandhom rimedji oħra disponibbli. Jagħmel referenza għall-Artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili u jgħid li ladarba rriżulta li hemm xi *plots* li m'għandhomx aċċess dirett mit-triq l-ewwel Qorti kellha tapplika din id-dispożizzjoni u tagħti lis-sidien ta' dawk il-*plots* id-dritt ta' aċċess minn fuq l-art adjaċenti.

13. L-appellati jirribattu li t-talbiet attriċi huma kontradittorji għaliex jew isir pjan ta' qasma ġdid jew jiġu rispettati x-xewqat tat-testatur. Jgħidu li r-rieda tat-testatur tirriżulta dettaljatament mid-diversi legati li huwa kkostitwixxa favur uliedu. Isostnu li l-allegazzjoni tal-atturi li hemm xi *plots* li ma jeżistux ma tirriżultax u ma ġietx konstatata la mill-Perit Tekniku u lanqas mill-Perit David Psaila u għalhekk it-talbiet attriċi in kwantu jirriferu għal din l-allegazzjoni huma insostenibbli. Jgħidu li sakemm huwa possibbli li jiġi aċċertat x'kienet l-intenzjoni tat-testatur id-dispożizzjonijiet testamentarji huma applikabbli u għandhom jiġu segwiti. Iżidu li l-argument tal-appellanti li huwa ovvju li t-testatur ried li kull *plot* ikollu aċċess mit-triq huwa gratuwitu` għaliex fit-testment ma saret l-ebda referenza għal xi aċċessi jew drittijiet ta' passaġġ. Iżidu li dan huwa oltre l-fatt li l-partijiet aċċettaw il-wirt imħolli lilhom mingħajr ebda kundizzjoni jew kwalifika tant li ddenunzjaw il-proprjeta` li tħalliet u ġiet assenjata lilhom individwalment.

14. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-ġenituri tal-kontendenti u kif ukoll timmodifika t-testment ta' Francesco Agius billi terġa taqsam l-art ta' Xwieki, limiti tal-Iklin, fil-kwoti stabbiliti fl-istess testment u tassenja l-istess kwoti lill-kontendenti.
>
> Mill-provi prodotti jirriżulta li omm il-kontendenti mietet ab intestato fid-9 ta' Jannar 1989. Żewġha Francesco Agius, u ċioè missier il-kontendenti, miet fil-5 ta' Mejju 2006 u s-suċċessjoni tiegħu hija regolata permezz ta' testment tal-24 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

Permezz ta' dan it-testment, Francesco Agius ħalla b'legat lil kull wieħed u waħda minn uliedu in pjena proprjetà parti diviża mill-għalqa ossia raba magħrufa bħala Ta Ġnien Benien, sive Ta' Xwieki, Iklin. Kull parti ossia plot ġiet immarkata fuq pjanta annessa mal-istess testment. Lil sitta minn uliedu, id-defunt ħallielhom parti diviża oħra minn din l-art, b'mod li allura din ir-raba nqasmet fi hmistax-il plot, disgħa 'mal-wied' u sitta 'mat-triq'. Din il-kawża tikkonċerna id-disa' plots li huma ta' mal-wied in kwantu li l-atturi qed jikkontestaw it-tielet artikolu tat-testment tad-defunt Francesco Agius.

Id-defunt istitwixxa lid-disa' uliedu bħala eredi universali. Huwa ordna li 'kull minn jikkontesta dan it-testment b'xi mod, jitlef kull benefiċju/legat mħolli lilu, u jkun intitolat biss għal-leġittima spettanti lilu bil-liġi.'

L-atturi jgħidu li hemm diversi diskrepanzi f'dan it-testment. Fosthom li l-plots bin-numru 1, 2, 3 u 4 huma mingħajr aċċess u li l-plots bin-numru 1 u 2 ġew indikati fuq area li fir-realtà ma teżistix. Skont l-atturi, ma tistax issir l-immissjoni fil-pussess stante li l-eredi mhux jaqblu bejniethom dwar min għandu jieħu xhiex u allura ħadd mill-kontendenti ma jista' jirċievi dak assenjat lilu.

Il-kontendenti kollha ffirmaw id-dikjarazzjoni causa mortis tal-wirt tad-defunt Francesco Agius. Għaldaqstant u in linea preliminari, il-konvenuti jeċċepixxu li din l-azzjoni hija insostenibbli la darba l-atturi aċċettaw il-wirt kemm bħala legatarji u kif ukoll bħala eredi. Jeċepixxu li din l-azzjoni hija insostenibbli wkoll għaliex l-atturi qed jattakkaw biss parti mill-wirt ta' missierhom.

Din il-Qorti tqis illi dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet m'għandhomx mis-sewwa. Minn kliem ir-rikors ġuramentat u kif ukoll minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, jidher li bil-proċeduri odjerni l-atturi mhux qed jattakkaw il-validità tat-testment jew ta' parti minnu iżda qed jitolbu korrezzjoni fid-deskrizzjoni tal-oġġett tal-legat imħolli lilhom mit-testatur, liema korrezzjoni, skont huma, hija manifestament meħtieġa.

Il-konvenuti ressqu wkoll kontro talba li permezz tagħha talbu lill-Qorti tiddikjara li l-atturi marru kontra d-disposizzjonijiet testamentarji tad-defunt Francesco Agius u li għalhekk huma intitolati biss għal-leġittima skont kif ordna t-testatur stess. Madanakollu, din il-kontro talba ser tiġi miċħuda in kwantu li kif diġà ntqal, ma jirriżultax illi l-atturi qed jikkontestaw il-kontenut tat-testment imma qed jitolbu li ssir korrezzjoni ta' dak li jsostnu li huwa żball.

Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet fil-mertu, l-konvenuti jiċħdu li hemm xi diskrepanzi bejn id-disposizzjonijiet testamentarji u l-pjanta mehmuża u qed jopponu għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-ġenituri tagħhom.

Mix-xhieda tal-kontendenti jirriżulta li l-konvenut Saviour Agius kien inkariga lil Perit David Psaila, fuq talba ta' missieru u qabel ma sar it-

testment, sabiex jaqsam dik il-parti tar-raba in kwistjoni li tinsab mat-triq f'sitt plots u dik li tinsab mal-wied f'disa' plots. Il-perit hekk għamel. Il-Perit Psaila spjega li huwa ma kienx għamel survey tal-art u lanqas ma qasam l-art fuq il-post imma kabbar is-survey sheet uffiċjali. Iżid jgħid li wara li kien qassam il-plots kien avviċinah l-attur Giuseppi Agius u qallu li ma kienx kuntent bil-mod illi qassam il-plots ta' mal-wied. Fuq il-plots ta' mat-triq ma kelmu ħadd.

Il-konvenut Paul Agius kien inkariga wkoll lil land surveyor Martin Tabone sabiex jagħmel survey tal-art in kwistjoni. Mill-atti ma jirriżultax preċiżament meta sar dan is-survey.

Il-konvenut Saviour Agius xehed li fis-sena 1992 missieru kien talbu sabiex jinkariga perit sabiex jaqsam l-art li kellu fl-Iklin u tah struzzjonjiet sabiex dik tan-naħa tal-wied jaqsamha f'disa' biċċiet u dik tan-naħa tat-triq jaqasamha f'sitt biċċiet. Hu kien għadda dawn l-istruzzjonijiet lill-Perit Psaila u kien dawwar lill-perit mal-art ta' missieru. Meta l-perit lesta l-pjanta, l-konvenut mar għaliha hu u ħadha dritt għand missieru. Skont hu, kienet seħħet xi laqgħa fejn suppost kellhom jattendu l-aħwa kollha sabiex jaqsmu l-art imma mhux kulhadd kien attenda.

L-attur Giuseppi Agius spjega li missieru kien jgħix fir-razzett li hemm fuq l-art mertu tal-każ u kien jaħdem ir-raba tal-madwar. Jgħid li missieru kien urih pjan ta' qasma li kienu ħadu ħsieb jagħmlu ħutu Salvu u Pawlu u li mal-ewwel kien induna li l-plot tiegħu ma hemmx dħul għaliha. Jgħid li ħutu suppost irranġaw il-pjanta imma ma sar xejn u din il-pjanta spiċċat annessa mat-testment. Hu kien lest li jaċċetta l-plot tiegħu imma ried aċċess għaliha. Hu jaqbel li kulħadd ikollu aċċess mit-triq iżda ftehim qatt ma ntlaħaq. Hu flimkien ma' ħuħ Pawlu u oħtu Maria Gatt għażlu li jieħdu plot wara art li diġà kellhom fuq it-triq.

L-attur Michael Agius xehed illi missieru ried li qabel mewtu jaqsam l-art li kellu fl-Iklin fost uliedu u għal dan l-iskop kien tqabbad il-Perit David Psaila li għamel pjanta. Fuq din il-pjanta kien hemm indikat in-numri tal-plots u lil min ser jiġu assenjati.

Skont hu, fil-pjanta hemm żball peress illi l-plot bin-numru 1 jew dik bin-numru 2 ma jeżistux u allura l-plots allokati fil-pjanta annessa mat-testment ma jistgħux jiġu assenjati. Lilu missitu l-plot bin-numru 3 u meta mar biex jidħol fiha, ħuħ Paċifiku qallu li hemm mhux tiegħu u li ma jistax jidħol. Hu ma kienx jaf li missieru ried jaqsam u jgħid li sar jaf xi ħmistax wara mewtu. Iżid jgħid li hemm żewġ plots nieqsa billi bejn ir-razzett u l-plot ta' oħtu ma hemmx spazju għal żewġ plots kif indikat fuq il-pjanta annessa mat-testment.

L-attur Bartolomeo Agius xehed illi l-plot assenjata lilu għandha aċċess minn triq proġettata fil-proprjetà ta' terzi li mhumiex il-kontendenti f'din il-kawża u allura hu m'għandux aċċess għal plot tiegħu. Hu ma jaqbilx dwar kif saret il-qasma u xehed li sar jaf biha biss wara li miet missieru.

Skont hu, ma tteħidx il-kejl tal-art u s-surveyor kien mar biss wara li miet missieru.

Il-perit tekniku kkonstata li saru sensiela ta' żbalji meta l-art ġiet maqsuma f'plots. Wara li sema' x-xhieda u ħa konjizzjoni tal-provi dokumentarju li ġew ippreżentati, wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

i. Il-qasma kif proposta mhijiex korretta għar-raġuni li ġew assenjati plots bin-numri 1 lil Maria Gatt u 2 lil Bertu Agius li għalihom ma hemmx aċċess għaliex dak propost mill-Perit Psaila hu ostakolat minn struttura eżistenti;

ii. Il-qasma kif proposta mhijiex korretta għar-raġuni li ġew assenjati il-plots bin-numru 3 lil Joseph Agius u 4 lil Paul Agius li għalihom ma hemmx aċċess għaliex dak propost minn ġol-wied mill-Perit Psaila hu ostakolat mill-plot numru 5 assenjata lil Michael Agius;

iii. Il-plot bin-numru 1 assenjat lil Maria Gatt, dak bin-numru 3 assenjat lil Joseph Agius u dak bin-numru 4 assenjat lil Paul Agius huma fil-fatt ta' kejl superfiċjali anqas minn dak assenjat lilhom fil-pjanta tad-diviżjoni kif annessa mat-testment peress illi dawn il-plots għandhom proprjetà oħra tisporġi fuqhom;

iv. Fuq il-plots bin-numru 1 assenjat lil Pacifiku Agius u 2 assenjat lil Salvu Agius hemm binja li qiegħda fuq il-plot numru 1 li tisporġi fuq il-plot numru 2 u allura ma hemmx il-kejl superfiċjali kif allokat fil-pjanta ta' diviżjoni annessa mat-testment;

v. Għalhekk, trid issir qasma ġdida bbażata fuq is-survey magħmula mis-surveyors inkarigati mill-Qorti sabiex l-art tad-decujus tinqasam skont id-disposizzjonijiet tat-testment tiegħu.

Il-perit tekniku ppreżenta nota spjegattiva wara li żamm laqgħa mal-Perit Psaila, mal-konvenuti u ma' Dr Graziella Bezzina sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet illi sabu l-konvenuti bir-relazzjoni tiegħu. F'din in-nota jikkonkludi hekk:

> "Fl-opinjoni tal-esponent, u kif jirriżulta mill-provi, il-Perit Psaila għamel il-qasma fuq site plan uffiċjali mkabbra u mhux fuq survey attwali, fil-fatt is-survey ta' Martin Tabone saret wara l-pjan tal-qasma u meta l-istess pjan tal-qasma ġie proġettat fuq din is-survey, dan l-eżerċizzju wera plots kompletament differenti b'kejl superfiċjali u konfini differenti.
>
> In konklużjoni, l-esponent, għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, ma jħossx li għandu jibdel il-konklużjoni tar-relazzjoni tiegħu kif ippreżentata u maħlufa."

Wara li fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2013 il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi l-kontendenti kollha qablu li flimkien jinkarigaw lil Perit David Psaila sabiex jimmarka fuq il-post il-plots kif imfassla minnu fuq il-pjanta, il-Perit David Psaila xehed fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2014. Huwa

spjega li riċentement kien inkariga lis-surveyor Martin Tabone sabiex jagħmel survey tal-art u abbażi ta' din is-survey qassam il-plots skont it-testment. Il-perit spjega li l-plots illi qassam bil-kejl illi għamel jidħlu kollha fil-proprjetà tal-mejjet. Żied jgħid li hemm diskrepanza żgħira fis-sens li l-informazzjoni li kien ingħata oriġinarjament ma kienitx preċiżament l-informazzjoni li kkostata s-surveyor għaliex l-estensjoni tal-art li kien ingħata oriġinarjament kienet akbar minn dik li kkostata s-surveyor meta reġa nkarigah.

Il-Perit Psaila kkostata li hemm feles żgħir ta' art indikat fil-pjanta tiegħu illi tmiss mat-triq imma li mhijiex art tal-kontendenti. Dan il-feles huwa meħud mill-plots 5 u 6 u allura dawn il-plots ma jistgħux jiġu assenjati kif inhuma. Din id-diskrepanza taffetwa prinċipalment il-plot bin-numru 6.

Huwa rilevanti għall-każ dak li jiddisponi l-artikolu 694 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "(1) Jekk il-persuna tal-werriet jew tal-legatarju hija indikata hazin, id-disposizzjoni ghandha effett, kemm-il darba wiehed ikun xort'ohra zgur liema persuna t-testatur ried jahtar.
>
> (2) Din ir-regola tghodd ukoll fil-kaz li jkun hemm zball fit-tismija jew fit-tifsir tal-haga mhollija b'legat, meta wiehed ikun xort'ohra zgur liema haga t-testatur ried ihalli."

[*omissis*]

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa. Għalkemm mill-atti tal-kawża jidher li l-intenzjoni ta' Francesco Agius dejjem kienet illi jħalli lill-uliedu plot kull wieħed mir-raba in kwistjoni, bl-ebda mod ma ġie muri li huwa ried jaħseb għall-aċċess li kull wieħed u waħda minnhom irid ikollhom għall-art tagħhom. Il-fatt illi ma kienx hu li inkariga lil Perit Psaila sabiex jaqsam ir-raba ma jfissirx illi huwa ma qabilx mal-pjanta. Kif sewwa jargumentaw il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jekk l-atturi m'għandhomx aċċess għall-art tagħhom ħlief minn fuq il-proprjetà ta' ħuthom jew ta' terzi, ghandhom rimedji legali ohrajn miftuha ghalihom, u mhux jikkontestaw il-mod kif inqasam ir-raba.

Oltre dan l-atturi lanqas mqar ippreżentaw ebda pjanta ġdida ta' kif għandha tinqasam ir-raba in kwistjoni għal kunsiderazzjoni tal-Qorti u lanqas ma talbu lill-Qorti testendi l-inkarigu tal-perit tekniku, sabiex jaqsam il-plots mill-ġdid b'mod li, skont huma, jirrifletti l-volontà tat-testatur.

Il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm fir-rikors promotur l-atturi jgħidu li l-plots bin-numru 1 u 2 ma jeżistux, minn artikolu 3 tat-testment in kwistjoni jirriżulta li l-plot bin-numru 1 kienet ġiet assenjata lill-konvenuta Maria Gatt, u fir-rigward tal-plot bin-numru 2, li ġiet assenjata lill-attur Bartolomeo Agius, la l-perit tekniku u lanqas il-Perit Psaila ma

> kkostataw li din il-plot ma teżistix. Il-Perit Psaila jsemmi biss il-plots numru 5 u 6 li fir-realtà huma ta' kejl superfiċjali iżgħar milli kif jidher fil-pjanta. Il-plot bin-numru 5 hija dik assenjata lill-attur Michael Agius, imma skont il-Perit Psaila d-diskrepanza hija żgħira, filwaqt illi l-plot bin-numru 6, kienet ġiet assenjata lill-konvenuta Victoria Zarb.
>
> Finalment, l-atturi talbu lill-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-ġenituri tagħhom. Madanakollu, l-atturi ma ġabux l-iċken prova dwar fhiex kienu jikkonsistu l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Agius. Huwa veru li din il-kawża kienet qed timxi flimkien ma oħra fl-ismijiet inversi, li qeghda tiġi deċiża wkoll illum, fejn qed jiġu likwidati u assenjati l-assi ereditarji tal-konjuġi Agius imma dik hija kwistjoni indipendenti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fuq kollox, din it-talba ma għandha xejn x'taqsam mal-allegat żball fil-pjanta annessa mat-testment ta' Francesco Agius."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

15. F'din il-kawża l-atturi jilmentaw li l-pjan ta' qasma ta' biċċa art mħollija lilhom bħala legat minn missierhom, li sar mill-Perit David Psaila u ġie anness mat-testment tal-missier, sar ħażin u ma jirriflettix ix-xewqat ta' missierhom. Huma qegħdin għalhekk jitolbu li l-Qorti tagħmel pjan ta' qasma differenti ta' din l-art biex b'hekk il-qasma tal-art tkun tirrifletti x-xewqat ta' missierhom skont it-testment. L-ewwel Qorti ħatret bħala Perit Tekniku lill-Perit Godwin Abela li min-naħa tiegħu rrelata li skont hu kien hemm diversi żbalji fil-pjanta redata mill-Perit David Psaila għat-testatur, u kkonferma l-ilment tal-atturi li hemm xi *plots* li m'għandhomx aċċess dirett mit-triq.

16. Fir-rigward tal-attur Michael Agius, il-Qorti tirrileva li għalkemm dan l-attur jgħid li hemm problema bil-*plot* numru 3 assenjat lilu tant li ħuh

Paċifico għamillu kawża, minn verifika magħmula minn din il-Qorti fir-Reġistri tal-Qrati ta' Malta rriżulta li l-unika kawża li saret minn Paċifico Agius kontra Michael Agius kienet dik bin-numru 628/2013 li kienet tinvolvi wkoll il-bqija tal-aħwa u tirrigwarda talba għad-diviżjoni tal-wirt ta' missier il-kontendenti Francesco Agius. Għalhekk ma jirriżulta bl-ebda mod li Pacifico Agius avvanza xi pretensjoni kontra l-attur Michael Agius u ma ħallihx igawdi mill-art assenjata lilu minn missierhom. Il-Qorti tosserva li mill-konklużonijiet tal-Perit Tekniku ma jirriżulta li hemm l-ebda kwistjoni relattiva għall-*plots* assenjati lil Michael Agius. Fil-fatt Michael Agius stess qal in kontro-eżami a *fol.* 133 li "m'hemmx problema għalija." Għalhekk il-Qorti tqis li l-lanjanza ta' Michael Agius hija manifestament infondata.

17. L-atturi Joseph u Bartolomeo Agius ilmentaw li l-pjan ta' qasma huwa ħażin għaliex huma m'għandhomx aċċess dirett mit-triq għall-*plots* kollha assenjati lilhom. Dan ġie fil-fatt ikkonfermat mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero`, il-fatt li hemm xi *plots* assenjati lill-atturi Joseph u Bartolomeo li m'għandhomx aċċess dirett mit-triq ma jfissirx neċessarjament li l-pjanta saret ħażin, kif ikkonkluda l-Perit Tekniku, jew li l-pjan ta' qasma skont it-testment għandu jitħassar u jiġi sostitwit bi pjan magħmul mill-Qorti kif jippretendu l-atturi. Fid-dispożizzjonijiet testamentarji relevanti t-testatur ma semma xejn dwar aċċess, u għalhekk żgur li m'hemm l-ebda diskrepanza bejn id-

dispożizzjonijiet testamentarji relevanti u l-pjanti li għalihom jagħmlu referenza. Inoltre, il-Qorti tosserva fir-rigward ta' Joseph Agius *ex admissis* waqt il-kontro-eżami tiegħu xehed li kien huwa stess li għażel li jieħu *plot* li kien jinsab wara *plot* ukoll assenjat lilu. Għalhekk, apparti l-fatt li ma jistax issa jippretendi li l-pjanta saret ħażin għaliex m'għandux aċċess mit-triq għal wieħed mill-*plots* assenjati lilu mit-testatur ġaladarba kien hu stess li għażlu, jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess li huwa għandu aċċess għal dan il-*plot* minn *plot* ieħor tiegħu u għalhekk il-lanjanza tiegħu mhijiex mistħoqqa. Inoltre, il-Qorti tirrileva li kif korrettement ikkonsidrat mill-ewwel Qorti, il-liġi diġa` tikkontempla sitwazzjoni fejn sid ta' fond ma jkollux ħruġ fuq it-triq pubblika, f'liema każ il-liġi tagħti rimedju lil dak is-sid bis-saħħa tal-Artikolu 447 jew l-Artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili skont il-każ. Il-Qorti ma taqbilx mal-attur Joseph Agius illi f'dan il-każ jista' jiġi ordnat li xi kontendenti jagħtu aċċess lill-kontendenti l-oħra a bażi ta' xi wieħed minn dawn l-artikoli, għaliex dan mhuwiex dak li ġie mitlub mill-atturi, u l-Qrati superjuri ma jistgħux jiddeċiedu fuq kawżali oltre dawk imressqa mill-atturi.

18. Il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu l-Perit David Psaila kkonferma li fil-fatt hemm problema fil-*plot* numru 6 assenjat lill-attur Bartolomeo Agius għaliex minn verifiki li għamel irriżultalu li l-estensjoni tal-art kif kienet ġiet indikata lilu kienet ikbar minn dak li effettivament kellu t-testatur u li għalhekk il-*plots* numru 5 u 6 huma in parti fuq art ta' terzi.

Hawnhekk ukoll il-Qorti, għalkemm tagħraf id-diffikulta` li dan jista' joħloq għall-attur Bartolomeo Agius, tqis li m'hemmx raġuni valida sabiex il-Qorti tagħmel xi tibdil fil-qasma hekk kif approvata mit-testatur. Fil-liġi Maltija huwa konsentit għat-testatur li jagħti b'legat dak li m'għandux, basta li jsegwi l-ħtiġijiet meħtieġa mil-liġi għall-kostituzzjoni valida tal-hekk imsejjaħ *legato di cosa altrui.* Għalhekk il-fatt li parti minn *plot* 6 tinsab fuq proprjeta` ta' terzi ma jistax iservi b'mod awtomatiku sabiex jinvalida l-pjan ta' qasma kif approvata mit-testatur għaliex mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li f'din il-kawża teskludi li t-testatur ikkostitwixxa fir-rigward ta' dan il-*plot legato di cosa altrui* validu favur l-attur Bartolomeo Agius.

19. Il-Qorti tosserva li t-testatur kien midħla mal-art in kwistjoni, ikkonsidrat li mill-provi jirriżulta li t-testatur kien jaħdem l-art kollha ta' madwar ir-razzett tiegħu, u ċioe` l-istess art li tifforma l-mertu ta' din il-kawża, u li l-istess razzett kien ukoll ir-residenza tiegħu. It-testatur ra l-pjanta li saret mill-Perit Psaila, aċċettaha u għamilha parti intrinsika mit-testment tiegħu. Għalhekk, irrispettivament minn kwalunkwe problema li dan il-pjan ta' qasma jista' jikkawża lill-kontendenti, ma ġiet preżentata l-ebda prova quddiem din il-Qorti li l-pjan ta' qasma skont il-pjanta redatta mill-Perit Psaila mhuwiex dak li jirrisppekja l-volonta u l-aħħar xewqat tat-testatur kif jikkontendu l-appellanti. Fin-nuqqas ta' tali provi, ma jistax jingħad li l-pjanta annessa mat-testment hija ħażina u lanqas ma għandha

din il-Qorti s-setgħa li tissostitwixxi l-pjan ta' qasma approvat mit-testatur b'wieħed magħmul minnha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm